# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-16 ta' Diċembru 2013

## li twaqqaf qafas għal djalogu ċivili fi kwistjonijiet koperti mill-politika agrikola komuni u li tħassar id- Deċiżjoni 2004/391/KE

(2013/767/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 38 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-Unjoni għandha tiddefinixxi u timplimenta politika agrikola komuni.

(2) Skont l-Artikolu 11(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-istituzzjonijiet għandhom iżommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari ma' assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà ċivili. Qafas tad-djalogu li jittratta kwistjonijiet koperti bil-politika agrikola komuni ilu jeżisti mill-1962. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/391/KE [1] tipprevedi l-qafas tad-djalogu attwali.

(3) Bil-ħsieb li tiżdied it-trasparenza u jkun previst bilanċ aħjar ta' interessi rappreżentati, hemm bżonn li jkun rivedut id-djalogu fil-gruppi ta' konsulenza li jittrattaw kwistjonijiet dwar l-agrikoltura u jiġi provdut il-qafas ta' djalogu ċivili fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, inklużi l-aspetti internazzjonali tiegħu, u li jiġu definiti l-kompiti u l-istruttura tagħhom.

(4) Il-gruppi ta' djalogu ċivili għandhom jassistu lill-Kummissjoni u jgħinu biex isir djalogu regolari dwar kull kwistjoni relatata mal-politika agrikola komuni, inkluż l-iżvilupp rurali, u l-implimentazzjoni tal-politika, u b'mod partikolari l-miżuri li l-Kummissjoni tintalab tieħu f'dak il-kuntest, inklużi l-aspetti internazzjonali tal-agrikoltura; kif ukoll jwasslu għal skambju tal-esperjenza u l-prattika tajba, jagħtu pariri dwar il-politika, jagħtu opinjoni dwar kwistjonijiet speċifiċi meta jitlobhom id-Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jew fuq inizjattiva tagħhom stess, u jissorveljaw l-iżviluppi tal-politika.

(5) Il-gruppi ta' djalogu ċivili għandhom ikunu magħmulin minn talanqas organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-livell Ewropew, inklużi assoċjazzjonijiet rappreżentattivi, gruppi b'interess soċjo-ekonomiku, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u trejdjunjins li huma rreġistrati fir-Reġistru Konġunt Ewropew tat-Trasparenza.

(6) Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-kompiti allokati għall-gruppi, hemm bżonn li jkunu previsti regoli dwar l-operazzjoni u l-funzjonament tal-gruppi.

(7) Id-dejta personali għandha tiġi proċessata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2].

(8) Id-Deċiżjoni 2004/391/KE għandha titħassar.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Is-suġġett**

Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi l-qafas għall-gruppi ta' djalogu ċivili li jittrattaw kwistjonijiet koperti bil-politika agrikola komuni, minn hawn 'il quddiem imsejħa "gruppi", stabbilita mid-Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali ("id-Direttur Ġenerali") fil-qafas għall-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni [3].

*Artikolu 2*

**Il-kompiti**

Il-gruppi għandhom:

(a) iżommu djalogu regolari dwar kull kwistjoni relatata mal-politika agrikola komuni, inkluż l-iżvilupp rurali, u l-implimentazzjoni tagħha, u b'mod partikolari l-miżuri li l-Kummissjoni tintalab tieħu f'dak il-kuntest, inklużi l-aspetti internazzjonali tal-agrikoltura;

(b) jwasslu għal skambju tal-esperjenza u l-prattika tajba fl-oqsma msemmija fil-punt (a);

(ċ) jassistu lill-Kummissjoni u jagħtu pariri dwar il-politika fl-oqsma msemmija fil-punt (a);

(d) jagħtu opinjoni dwar kwistjonijiet speċifiċi meta jitlobhom id-Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali ("id-Direttorat Ġenerali"), u sal-iskadenzi stabbiliti fit-talba, jew fuq inizjattiva tagħhom stess;

(e) jissorveljaw l-iżviluppi tal-politika fl-oqsma msemmija fil-punt (a);

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/391/KE tat-23 ta' April 2004 dwar il-gruppi ta' konsulenza li jittrattaw il-kwistjonijiet koperti bil-politika agrikola komuni (ĠU L 120, 24.4.2004, p. 50).

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-dejta (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

[3] C(2010) 7649.

*Artikolu 3*

**Il-konsultazzjoni**

1. Id-Direttorat Ġenerali jista' jikkonsulta lill-gruppi dwar kull kwistjoni msemmija fl-Artikolu 2(a).

2. Il-president ta' grupp, f'koperazzjoni mill-qrib mal-viċi-presidenti, jista' jagħti parir lill-Kummissjoni biex tikkonsulta lill-grupp dwar kwistjoni speċifika.

*Artikolu 4*

**Il-ħatra tal-membri**

1. Id-Direttur Ġenerali għandu jiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni tal-gruppi, skont sejħa għall-applikazzjonijiet.

2. Il-gruppi għandhom ikunu magħmulin minn talanqas organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-livell Ewropew, inklużi assoċjazzjonijiet rappreżentattivi, gruppi b'interess soċjo-ekonomiku, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u trejdjunjins li huma rreġistrati fir-Reġistru tat-Trasparenza. Is-sħubija tal-gruppi għandha tkun miftuħa għal dawk l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw kull tip ta' interess rilevanti

3. Filwaqt li jqis l-interess tas-soċjetà ċivili fil-politika agrikola komuni, id-Direttur Ġenerali għandu jiddeċiedi fuq l-għadd u d-daqs tal-gruppi. L-ismijiet tal-membri jiġu ppubblikati fir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti u ta' entitajiet oħra simili tal-Kummissjoni ("ir-Reġistru") u fuq sit elettroniku apposta. Id-Direttur Ġenerali għandu jiżgura rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-interessi espressi kollha msemmija fil-paragrafu 2. B'mod partikolari, dan għandu jiżgura bilanċ bejn l-interessi ekonomiċi u mhux ekonomiċi.

4. L-organizzazzjonijiet membri għandu jaħtarhom id-Direttur Ġenerali minn fost l-organizzazzjonijiet li wieġbu s-sejħa għall-applikazzjonijiet. Id-Direttur Ġenerali jista' wkoll jaħtar organizzazzjoni membru jekk ikun hemm xi siġġu battal jew li jisfa battal.

5. L-organizzazzjonijiet membri jinħatru għal seba' snin. Organizzazzjoni membru tista' tinbidel f'xi grupp qabel tmiem il-mandat ta' seba' snin, meta:

(a) ma tkunx tista' tikkontribwixxi aktar b'mod effettiv fid-deliberazzjonijiet tal-grupp;

(b) tirtira mill-grupp;

(ċ) ma taħtarx esperti b'mod regolari għal-laqgħat tal-grupp;

(d) ma tibqax konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, jew

(e) ma tkunx konformi mar-rekwiżit ta' żvelar fejn tidħol informazzjoni koperta mill-obbligu tas-segretezza professjonali stabbilit fl-Artikolu 339 tat-Trattat.

6. L-organizzazzjonijiet membri għandhom jaħtru esperti biex jattendu l-laqgħat tal-gruppi skont il-punti fl-aġenda u, mill-anqas tlett ijiem ta' ħidma qabel il-laqgħa, għandhom jgħarrfu lid-Direttorat Ġenerali bl-identità tal-esperti li ħatru.

7. Id-Direttorat Ġenerali għandu jistieden lill-esperti li ħatru l-organizzazzjonijiet membri ħalli jattendu l-laqgħat tal-gruppi. Meta l-organizzazzjoni membru ma tkunx għarrfet lid-Direttorat Ġenerali bl-identità tal-esperti sal-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 6, id-Direttorat Ġenerali jistgħu jirrifjuta milli jistieden lil dawk l-esperti għal-laqgħat rispettivi.

8. L-ismijiet tal-organizzazzjonijiet membri għandhom jiġu ppubblikati fir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti u ta' entitajiet oħra simili tal-Kummissjoni ("ir-Reġistru") u fuq sit elettroniku apposta.

9. Id-dejta personali għandha tinġabar, tiġi proċessata u ppubblikata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

*Artikolu 5*

**L-operazzjoni**

1. Fl-ewwel laqgħa tiegħu, kull grupp għandu jaħtar president u żewġ viċi-presidenti minn fost il-membri tiegħu b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-esperti preżenti fl-ewwel votazzjoni, u b'maġġoranza sempliċi tal-esperti preżenti fil-votazzjonijiet sussegwenti. Il-viċi-presidenti għandhom jintgħażlu minn fost ir-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet oħra li ma tkunx dik minn fejn ikun ġej il-president. Iż-żewġ viċi-presidenti għandhom jiġu minn żewġ organizzazzjonijiet differenti. L-elezzjonijiet għandhom isiru fl-awtorità ta' rappreżentant tal-Kummissjoni b'vot sigriet, diment li l-esperti kollha preżenti espressament ma jkunux iddeċidew mod ieħor.

2. Il-president u ż-żewġ viċi-presidenti għandhom jaqdu r-rwol għal sena, terminu li għandu jkun jista' jiġġedded. Il-president ma għandux jaqdi għal aktar minn żewġ termini konsekuttivi. Meta jiġi biex jagħżel presidenti ġodda, il-grupp għandu jiżgura li dawn ma jkunux jiġu mill-istess organizzazzjoni ta' dawk ta' qabilhom.

3. Bi qbil mad-Direttorat Ġenerali, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-viċi-presidenti, u f'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet rappreżentati fil-grupp, il-president għandu jistabbilixxi l-punti li jridu jitniżżlu fl-aġenda tal-laqgħat tal-grupp, mill-anqas 25 jum ta' ħidma qabel kull laqgħa. Bħala regola ġenerali, id-Direttorat Ġenerali għandu jibgħat l-aġenda lill-organizzazzjonijiet 20 jum ta' ħidma qabel il-laqgħa, l-aħjar b'mezz elettroniku.

4. Ħlief fl-elezzjonijiet previsti fil-paragrafu 1, ma għandu jittieħed ebda vot fi tmiem id-diskussjoni tal-grupp. Jekk grupp jilħaq kunsens dwar l-opinjoni li jitlob id-Direttorat Ġenerali jew dwar riżoluzzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess, dan għandu jsawwar konklużjonijiet konġunti u jehmiżhom mar-rapport sommarju. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-riżultat tad-diskussjonijiet tal-grupp lill-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra meta l-grupp jirrakkomanda dan.

5. Il-president għandu jkun responsabbli għall-kompilazzjoni ta' rapport li jkun fih rekord sommarju preċiż ta' kull laqgħa u jibgħat l-abbozz ta' dak ir-rapport lid-Direttorat Ġenerali fi żmien 20 jum ta' ħidma wara l-laqgħa. Il-Kummissjoni tista' temenda l-abbozz tar-rapport tal-president qabel jitqassam u qabel l-approvazzjoni sussegwenti mill-grupp.

6. Bi qbil mad-Direttorat Ġenerali, il-grupp jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma biex jeżaminaw kwistjonijiet speċifiċi abbażi tat-termini ta' referenza li jadotta l-grupp. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni għandhom jippresjedu l-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma. Dawn il-gruppi ta' ħidma għandhom jiġu xolti malli jintemm il-mandat tagħhom.

7. Id-Direttorat Ġenerali jista' jistieden esperti minn barra l-grupp b'kompetenzi speċifiċi f'suġġett li jkun fl-aġenda ħalli jieħdu sehem f'ħidmet il-grupp jew is-sottogrupp ta' ħidma fuq bażi ad-hoc. Barra minn hekk, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jagħti status ta' osservatur lil individwi jew organizzazzjonijiet kif jiddefinixxi l-Artikolu 4(2), diment li dawn ma jdgħajfux il-bilanċ tal-gruppi jew tal-gruppi ta' ħidma. Dawn għandu jkollhom id-dritt li jitkellmu, meta l-President jistedinhom jagħmlu dan bil-kunsens tal-ogħla rappreżentant tal-Kummissjoni preżenti. Individwi jew organizzazzjonijiet bi status ta' osservatur ma għandhomx jieħdu sehem fl-elezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

8. Il-membri tal-gruppi u r-rappreżentanti tagħhom, kif ukoll l-esperti u l-individwi jew l-organizzazzjonijiet bi status ta' osservatur li jkunu mistiedna, kif jipprevedi l-paragrafu 7, għandhom jikkonformaw mal-obbligi tas-segretezza professjonali stabbiliti mit-Trattati u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll ir-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà relatata mal-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-Unjoni, stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom [1]. Jekk dawn ma jikkonformawx ma' dawk l-obbligi, il-Kummissjoni tista' tieħu kull miżura xierqa.

9. Bħala prinċipju, il-gruppi u l-gruppi ta' ħidma għandhom jitlaqqgħu f'bini tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi servizzi ta' segretarjat. Il-laqgħat tal-gruppi u tal-gruppi ta' ħidma għandu jsejjaħhom id-Direttorat Ġenerali. Uffiċjali oħra tal-Kummissjoni li jkunu interessati fil-proċedimenti jistgħu jattendu l-laqgħat tal-grupp u tal-gruppi ta' ħidma tiegħu.

10. Il-Kummissjoni tippubblika kull dokument rilevanti bħall-aġendi, il-minuti, il-konklużjonijiet, konklużjonijiet parzjali jew dokumenti ta' ħidma fuq l-attivitajiet li għamlu l-gruppi permezz ta' link mir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti u ta' entitajiet simili oħra tal-Kummissjoni u għal sit elettroniku apposta. Għandhom isiru eċċezzjonijiet għall-pubblikazzjoni sistematika meta l-iżvelar ta' dokument jaf idgħajjef il-protezzjoni tal-interess pubbliku jew privat kif jiddefinixxi l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2].

*Artikolu 6*

**L-ispejjeż tal-laqgħat**

1. Dawk li jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-gruppi u tal-gruppi ta' ħidma ma għandhomx jitħallsu għas-servizzi li jagħtu.

2. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza li jġarrab min jieħu sehem fl-attivitajiet tal-gruppi jew tal-gruppi ta' ħidma għandhom jiġu rimborżati mill-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fi ħdan il-Kummissjoni.

3. L-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu rimborżati sal-limiti tal-approprjazzjonijiet disponibbli allokati skont il-proċedura annwali għall-allokazzjoni tar-riżorsi.

*Artikolu 7*

**Revoka**

Id-Deċiżjoni 2004/391/KE titħassar b'effett mill-1 ta' Lulju 2014.

*Artikolu 8*

**Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2014.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom tad-29 ta' Novembru 2001 li temenda r-Regoli Interni tal-Proċedura (ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1).

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).